MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-16 ta' Gunju, 2008

Numru 678/2006

PULIZIJA
SPETTUR ALFRED MALLIA
VS
IAIN DUNCAN

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Iain Duncan, ta' 44 sena, iben William John u Mary Rose nee Lucchese, iwieled Zabbar fil-21 ta' Jannar 1962, residenti 'Flat 2 Coronation Buildings', Triq San Dwardu, Birgu u detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 126162(M).

Illi hija akkuzata talli gewwa l-Birgu fil-perijodu ta' bejn il-11 ta' Awissu 1999 u l-11 ta' Frar 2003, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bhala l-propjetarju jew konsumatur u bhala l-persuna responsabbli ghall-meter tal-elettriku tal-fond Flat 2, Coronation Buildings, Triq San Dwardu, Birgu, b'mezzi

qarrieqa li bihom wiehed jista’ jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew marker tal-meter, tal-kwantita’ mehuda jew ikkunsmata fil-fond hawn fuq imsemmija, ikkommettiet serq ta’ dawl elettriku ta’ Lm405.36 ghad-dannu tal-Koperazzjoni Enemalta, liema serq kien ikkwalifikat bl-ammont, bil-mezz u bil-hin.

Illi akkuzata wkoll talli fl-istess cirkostanzi ghamlet hsara volontarja ta’ Lm25 fl-istess meter tad-dawl ghad-dannu ta’ l-istess Korporazzjoni liema hsara hija minima, bi ksur tal-Artikolu 326(f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti hija mitluba li tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-hlas tal-ispejjez peritali.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali (a fol.4), u dak ta’ l-imputat (a fol.9) sabiex il-kas jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mil-provi jirrizulta li l-imputat kien ghamel rapport lil EneMalta sabiex jigu u jibdlulu l-meter tad-dawl. Illi meta filfatt ghamlu inspezzjoni, l-Ufficjal ta’ l-EneMalta, ghamlu rapport l-Ghassa tal-Pulizija fuq tbabis ta’ l-istess meter u giet imsejjha Inkjesta Magisterjali.

Illi l-Ispettur Alfred Mallia kkonferma r-rapport tieghu a fol.5 tal-Process Verbal anness ma’ dawn l-Atti, waqt li PS 1177 Carmelo Bonello ezebixxa l-okkorrenza Dok.PS a fol.53

Illi Alan Chetchuti a fol.56, xehed illi meta mar fil-fond ta’ l-imputat sabu irregolarita’ fil-meter u ghalhekk meta raw il-kontijiet bejn l-20 ta’ April tas-sena 2000 u l-11 ta’ Frar

tas-sena 2003, sabu illi l-'average consumption' ghal dan il-perijodu kien ta' 7.01 units kuljum. Izda, wara li nbidel il-meter, u fil-perijodu sussegwenti, l-istess meter beda jirregistra 'average' ta' 15.99 units per day. Illi ghaldaqstant u ghall-perijodu aktar 'il fuq imsemmiha, Alan Chetchuti kkonferma illi s-serq ta' luce elttrika da parti ta' l-imputat kien f'ammont ta' Lm368.51c (ekwivalenti ghal 858.40 Euro) (ara Dok.AC a fol.59 sa 61).

Illi mix-xhieda ta' Joseph Formosa a fol.62, Assistant Fitter ma' l-EneMalta, dana kkonferma illi fuq il-meter tad-dawl imqieghed fir-residenza ta' l-imputat, huwa sab zewg toqbiet fl-istess meter.

Carmelo Bonello a fol.65, fitter ma' l-EneMalta, ikonferma illi l-meter -659166TM3 imqieghed fir-residenza ta' l-imputat instaghab b'zewg toqbiet taht il-cover ta' l-istess meter. Bonello ezebixxa Dok.CBX a fol.67 u 68, illi huwa r-rapport tal-'surprise inspection.'

Fuq talba tal-Qorti, Alan Chetchuti a fol.69, ezebixxa dettalji dwar il-konsum ta' l-elettriku mis-sena 1995 sat-2006 (ara page 71 u 72).

Horace D'Anastasi a fol.77, xehed illi ghalkemm sab zewg toqbiet fil-meter tad-dawl imqieghed fir-residenza ta' l-imputat, huwa ma sabx grif jew kallu mad-diska, solitu assocjat ma' serq ta' luce eletrika.

Ikkonsidrat;

Illi mill-provi prodotti jirrizulta ampjament illi l-meter tad-dawl ta' l-imputat kien imbabas billi mpjegati ta' l-EneMalta sabu zewg toqbiet taht il-cover tal-meter.

Galadarba, gie stabbilit, bla dubju dettat mir-raguni, illi l-meter tad-dawl kien imbabas, il-provi ghal reati migjuba kontra l-imputat jigu nvertiti u l-onos probandi jaqa fuq l-imputat sabiex jipprova illi filfatt huwa ma babasx dan il-meter u ma seraqx luce eletrika.

Illi l-imputat ghazel illi ma jaghtix it-testimonjanza tieghu fuq il-pedana tax-xhieda u ghaldaqstant il-Qorti hija rinfaccata biss fix-xhieda tieghu fl-inkjesta fejn asserixxa:

*“Jiena la babast f’dan l-arlogg, la rajt lil min ibabasu u lanqas gieghelt lil xi hadd ibabsu.”* (ara xhieda fol.17 tal-process verbal)

Ikkonsidrat;

Illi mix-xhieda ta’ l-EneMalta u mill-kalkoli taghhom, johrog car illi l-imputat bejn il-11 ta’ Awissu 1999 u l-11 ta’ Frar 2003 kien qed jikkonsma biss 7 units kuljum.

Illi wara l-bdil tal-meter, l-imputat beda jikkonsma 15.99 units per day u cioe aktar minn doppju milli kien jikkonsma.

Illi jirrizulta mill-provi illi l-imputat ma ziedx membri fil-‘household’ tieghu, fil-perijodu sussegwenti u din il-Qorti ma ghandha ebda spjegazzjoni mill-imputat sabiex b’xi mod jiggustifika l-awment konsiderevoli fil-konsum tal-luce eletrika.

Ghaldaqstant il-Qorti ma ghandiex alternattiva ghajr illi ssib lill-imputat hati skond l-akkuza u cioe, hati ta’ serq ta’ l-elettriku f’ammont ta’ Lm368.51c (ekwivalenti ghal 858.40 Euro) (illi minhom l-imputat diga hallas Lm250 – ekwivalenti ghal 582.34 Euro) apparti Lm25 (ekwivalenti ghal 58.23 Euro), dannu lil meter u wara li rat l-Artikoli 261, 267, 263, 264, 270, 326(1)(f) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, Artikolu 22 tal-Kap.446, tilliberah bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sitt xuhur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------